

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/168

tal-31 ta' Jannar 2019

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi abamektina *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) razza QST 713, *Bacillus thuringiensis* subspeċi Aizawai, *Bacillus thuringiensis* subspeċi israeliensis, *Bacillus thuringiensis* subspeċi kurstaki, *Beauveria bassiana*, benfluralin, klodinafop, klopivalid, *Cydia pomonella Granulovirus* (CpGV), ċiprodinil, diklorprop-P, epossikonażol, fenpirossimat, fluwazina, flutolanil, fosetil, *Lecanicillium muscarium*, mepanipirim, mepikwat, *Metarhizium anisopliae* var. *Anisopliae*, metkonażol, metrafenon, *Phlebiopsis gigantea*, pirimikarb, *Pseudomonas chlororaphis* razza: MA 342, pirimetanil, *Pythium oligandrum*, rimsulfuron, spinosad, *Streptomyces* K61, tijaklopid, tolklofos-metil, *Trichoderma asperellum*, *Trichoderma atroviride*, *Trichoderma gamsii*, *Trichoderma harzianum*, triklopir, trinessapak, tritikonażol, *Verticillium albo-atrum* u żiram

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽²⁾ tistabbilixxi s-sustanzi attivi li jitqiesu approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (2) Il-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) razza QST 713, klodinafop, klopivalid, ċiprodinil, diklorprop-P, fosetil, mepanipirim, metkonażol, metrafenon, pirimikarb, *Pseudomonas chlororaphis* razza: MA 342, pirimetanil, rimsulfuron, spinosad, tijaklopid, tolklofos-metil, triklopir, trinessapak, tritikonażol u żiram ġew estiżi l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/524 ⁽³⁾. Il-perjodi ta' approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi se jiskadu fit-30 ta' April 2019.
- (3) Il-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi benfluralin, fluwazina, flutolanil u mepikwat se jiskadu fit-28 ta' Frar 2019.

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqşam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/524 tat-28 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) ir-razza tal-mikrobu QST 713, identiku għar-razza tal-mikrobu AQ 713, klodinafop, klopivalid, ċiprodinil, diklorprop-P, fosetil, mepanipirim, metkonażol, metrafenon, pirimikarb, u r-razza tal-mikrobu *Pseudomonas chlororaphis*: MA 342, pirimetanil, kinoksifen, rimsulfuron, spinosad, tijaklopid, tijametossam, tiram, tolklofos-metil, triklopir, trineksapak, tritikonażol, u żiram (ĠU L 88, 4.4.2018, p. 4).

- (4) Il-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi abamektina, *Bacillus thuringiensis* subspeċi Aizawai, *Bacillus thuringiensis* subspeċi israeliensis, *Bacillus thuringiensis* subspeċi kurstaki, *Beauveria bassiana*, *Cydia pomonella Granulovirus* (CpGV), epossikonażol, fenpirossimat, *Lecanicillium muscarium*, *Metarhizium anisopliae* var. *Anisopliae*, *Phlebiopsis gigantea*, *Pythium oligandrum*, *Streptomyces* K61, *Trichoderma asperellum*, *Trichoderma atroviride*, *Trichoderma gamsii*, *Trichoderma harzianum* u *Verticillium albo-atrum* se jiskadu fit-30 ta' April 2019.
- (5) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi ġew ippreżentati b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (*).
- (6) Il-valutazzjoni tas-sustanzi ddewmet minħabba raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti, u għalhekk x'aktarx li l-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi posposta l-iskadenza tal-perjodi ta' approvazzjoni.
- (7) Billi l-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 f'dak li għandu x'jaqsam ma' każijiet meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx minħabba li ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji għall-approvazzjoni, il-Kummissjoni se tiffissa d-data ta' skadenza li tkun l-istess data ta' qabel ma sar dan ir-Regolament, jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dejjem jekk l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi l-aħħar. F'każijiet meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se ttipprova tiffissa, skont kif ikun xieraq fiċ-ċirksostanzi, l-iktar data tal-applikazzjoni bikrija possibbli.
- (8) Billi l-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi benfluralin, fluwaznam, flutolanil u mepikwat jiskadu fit-28 ta' Frar 2019, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

ANNEX

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

- (1) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 74, Ziram, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (2) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 89, *Pseudomonas chlororaphis* Razza: MA 342, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (3) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 90, Mepanipirim, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (4) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 92, Thiaclopid, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (5) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 123, Clodinafop, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (6) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 124, Pirimicarb, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (7) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 125, Rimsulfuron, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (8) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 126, Tolclofos-methyl, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (9) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 127, Triticonazole, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (10) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 129, Clopyralid, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (11) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 130, Cyprodinil, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (12) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 131, Fosetyl, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (13) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 132, Trinexapac, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (14) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 133, Dichlorprop-P, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (15) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 134, Metconazole, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (16) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 135, Pyrimethanil, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (17) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 136, Triclopyr, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (18) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 137, Metrafenone, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (19) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 138, *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) Razza QST 713, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (20) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 139, Spinosad, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
- (21) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 187, Flutolanil, id-data hija sostitwita bid-data "29 ta' Frar 2020";
- (22) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 188, Benfluralin, id-data hija sostitwita bid-data "29 ta' Frar 2020";
- (23) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 189, Fluazinam, id-data hija sostitwita bid-data "29 ta' Frar 2020";
- (24) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 191, Mepiquat, id-data hija sostitwita bid-data "29 ta' Frar 2020";
- (25) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 193, *Bacillus thuringiensis subsp. aizawai*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";

- (26) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 194, *Bacillus thuringiensis subsp. israeliensis*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (27) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 195, *Bacillus thuringiensis subsp. kurstaki*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (28) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 197, *Beauveria bassiana*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (29) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 198, *Cydia pomonella Granulovirus* (CpGV), id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (30) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 199, *Lecanicillium muscarium*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (31) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 200, *Metarhizium anisopliae* var. *anisopliae*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (32) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 201, *Phlebiopsis gigantea*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (33) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 202, *Pythium oligandrum*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (34) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 203, *Streptomyces* K61, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (35) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 204, *Trichoderma atroviride*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (36) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 206, *Trichoderma harzianum*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (37) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 207, *Trichoderma asperellum*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (38) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 208, *Trichoderma gamsii*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (39) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 209, *Verticillium albo-atrum*, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (40) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 210, Abamectin, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (41) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 211, Epoxiconazole, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020";
 - (42) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 213, Fenpyroximate, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' April 2020".
-